MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 2220/1999/1

**Joseph u Mary konjugi Briffa bhala l-legittimi rapprezentanti ta' binthom minuri Patricia Briffa u b'nota tas-27 ta' Gunju 2002, Patricia Briffa assumiet l-atti tal-kawza minflok il-genituri taghha Joseph u Mary konjugi Briffa stante li ghalqet it-18-il sena.**

**vs**

**Kennedy Kaycee Richards u martu Concetta Richards**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi l-konvenut huwa kantant u disc jockey,

Illi l-konvenut kien ingagga lill-minuri Patricia Briffa sabiex tizfen, timmima, u tirrexta fi produzzjoni awdjo-viziva, u

cioe' f' video muzikali li l-istess konvenut kellu aktar tard johrog ghall-pubbliku fi swieq internazzjoni.

Illi ghall-kontribuzzjoni taghha f'din produzzjoni l-konvenut kien wieghed lill-minuri Patricia Briffa s-somma ta' tlett elef u hames mitt lira (Lm 3,500).

Illi l-imsemmija Patricia Briffa kienet hadet sehem f'diversi rehearsals u ukoll fil-produzzjoni finali ta' dan il-video muzikali.

Illi l-konvenut hareg dan il-video muzikali fi swieq internazzjonali.

Illi l-konvenut kien dejjem jghid lill-imsemmija Patricia Briffa li se jhallasha ghas-sehem taghha fil-produzzjoni msemmija izda, interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont imwieghed huwa baqa' inadempjenti.

Illi l-konvenut huwa mizzewweg u ghal dan il-ghan qed jigu intavolati l-proceduri ukoll kontra martu.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-atturi qed jitolbu li jigi ddikjarat li l-konvenuti, jew min minnhom, huma debituri ta' l-atturi wara li l-istess konvenuti kienu ingaggaw lill-minuri Patricia Briffa sabiex tizfen, timmima, u tirrexta fi produzzjoni awdjo-viziva, u cioe' f' video muzikali, u ghal dan kienu weghdu l-kumpens fuq indikat; li jigi likwidat il-kumpens dovut lill-atturi mill-konvenuti jew minn minnhom u li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fil fatt u fid dritt ghaliex mhux minnu li l-konvenut wieghed lil Patricia Briffa

xi forma ta' kumpens sabiex tizfen, timmima u tirrecita fi produzzjoni audjo-viziva u lanqas biss ma jaf min hi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat l-affidavits separti tal-atturi Joseph Briffa, Mary Briffa u Patricia Briffa.

Rat l-affidavit ta' Mark Mallia orodott mill-atturi.

Semghat lix-xhieda prodotti mill-konvenuti.

Rat l-affidavit tal-konvenut Kennedy Kaycee Richards.

Semghat it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-parijiet.

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**Fatti**

Il-konvenut huwa kantant u "disc jockey." L-attriċi Patricia Briffa saret taf illi l-konvenut kien qed ifittex żeffiena għall-vidjo mużikali li ried li jipproduci bih stess bhala kantant. Illi l-attriċi tallega li kienet ġiet ingaġġata mill-konvenut sabiex tizfen, timmima u tirreċċta fl-imsemmi video muzikali. L-attrici tallega ukoll li l-konvenut kien ipprometta li jhallasha għal dan is-sehem tagħha s-somma ta' tlett elef u hames mitt lira maltin (Lm3,500).

Difatti fl-affidavit tagħha, l-attriċi ttkompli tallega li attendied ghal diversi rehearsals kif ukoll hadet sehem fil-produzzjoni finali tal-video. Tikkonferma li l-konvenut in effett hareg dan il-video muzikali fi swieq internazzjonali. Tikkonferma ukoll li dak in-nhar tal-"audition" kien hemm diversi żeffiena oħra li kienu voluntiera. L-attrici pero' tikkonferma li hi ma kienitx presenti ghall-audizzjoni fuq

bazi volontarja. Wara li saret l-*audition*, l-attrici tghid li l-konvenut speċifikalha l-ammont ta' Lm3500 bħala ħlas għal sehemha fil-vidjo. L-attrici tkompli tallega li wara li tlesta l-video talbet lill-konvenut sabiex iħallasha, pero' hu baqa inadempienti, nonostante li l-manager tieghu żguraha li kienet ser titħallas. In effett il-konvenut baqa ma hallax.

Il-konvenut, da parti tieghu, jiċħad illi huwa wiegħed xi somma ta' flus lill-attrici. Huwa kkonferma li l-attrici hadet sehem fil-produzzjoni finali tal-video, pero' ma ħaditx sehem fir-rehersals. Huwa jiċħad li l-video musikali ħareġ fis-swieq internazzjonali.

Mill-provi jirriżulta ukoll li l-konvenut ha sehem fil-Malta Musical Awards tat-23 ta' Ottubru 1998 u biex seta jaghmel hekk huwa kellu jipproduci video mużikali. Sar avviz fuq il-mezzi tax-xandir biex minn hu interessat imur ghall-*audition* għal dan il-video. Patricia Briffa kienet waħda miż-żeffiena li marru għal din l-audition u, fil-fatt, sussegwentament, ingħatat il-parti prinċipali f'dan il-video.

**Konsiderazzjonijiet ta' ligi**

Permezz tal-kawża odjerna, l-attriċi qiegħda tfittex lill-konvenut għall-ħlas tal-parti tagħha fl-imsemmija produzzjoni. L-attrici qed tippretendi li hi dovuta lilha s-somma ta' Lm3500 li skondha ġiet lilha mwiegħda mill-konvenut. Kif gia rilevat il-konvenut kategorikament jichad dan.

Omm l-attriċi, wahda mill-atturi originali, kkonfermat bil-gurament (fol.29) li certu Frankie cioe' l-manager tal-konvenut qalilha li l-konvenut kien jaf illi huwa kellu jagħti l-flus lill-attrici. Ghandu jigi sottolineat hawn li din ix-xhud hawnhekk qegħda tixhed dwar x'semgħet lil terza persuna, cioe' Frankie, jgħid dak illi qal lilu l-konvenut. Mark Mallia (fol.40) li gie prodott biex jixhed mill-istess attriċi, fl-affidavit tieghu kkonferma li l-konvenut kien qallu illi huwa kien ser iħallas lill-mudella prinċipali fil-video (cioe' l-attrici) is-somma ta' tliet elef u ħames mitt lira Maltin. Dan il-fatt l-imsemmi xhud ikkonfermah fil-kontro

eżami (fol. 69). Ix-xhud Godwin Obi, prodott mill-konvenut, xehed illi l-konvenut kien speċifika ma' kull min kien ser jieħu sehem fil-video li l-parteċipazzjoni taghhom kienet fuq bażi volontarja. Pero' l-istess xhud ma setax jispeċifika jekk l-attriċi kienetx preżenti meta ntqal dan il-kliem. Hu ovvju li dawn ix-xhieda qed jikkontradixxu lil xulxin.

Fil-kawza fl-ismijiet "Rosario Spiteri vs Michele Mifsud' deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 1953, gie ritenut illi *"Meta l-provi testimonjali jkunu f'konflitt reciproku manifest, ikun hemm l-assoluta mankanza tal-prova, u l-konsegwenzi ta' din id-deficjenza wisq ovvjament ghandhom jirrikadu fuq min jaggrava l-oneri tal-prova"* Hekk ukoll fil-kawża fl-ismijiet "Andrew Dalli vs Michael Balzan noe" - deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003, inghad illi: *"l-attur li jallega d-debitu ghandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa' jimpera l-principju "actor non probante, reus absolvitu.*"

Dejjem f'dan il-kuntest, l-attrici (fol.78) tgħid li "*nikkonferma illi l-konvenut diversi drabi kien semmieli s-somma ta' tliet elef u ħames mija pero kull meta semmieha, qatt ma kien hemm xi ħadd ieħor preżenti."* Da parti tiegħu, il-konvenut jgħid illi ż-żeffiena fil-video kienu avżati illi dan il-video kien fuq bażi volontarja u illi ma kienx ser ikun hemm ħlas għaz-żfin. Ix-xhud Mark Mallia kkorabora dak li qed tallega l-attriċi, mentri x-xhud Godwin Obi qed jikkorabora dak li jgħid il-konvenut. Il-ġurisprudenza taghna tgħallem illi fejn ikun hemm zewg verzjonijiet li huma possibbli pero' dijametrikament konflingenti, appuntu kif inhuwa dan il-każ, il-Qorti ghandha tghaddi biex tichad it-talba u dan a bazi tal-principju fuq citat "*actor non probente reus absolvitur.*" (Vide George Mifsud noe vs Philip Micallef " - App. Sede Inf. 1 ta' Lulju 1997 u "Gemma Cassar Saelta vs Imco Distributors Ltd." - App. Sede Inf. 13 ta' Jannar 1989).

In vista tal-fatt li l-attrici u l-konvenut ukoll jaghtu versjonijiet kontrastanti dwar dak li seta' ġie miftiehem bejniethom, japplika ghalhekk il-principju guridiku li anke jekk dawn iz-zewg versjonijiet kellhom jittiehdu bhala

entrambi possibbli jew plawsibbli dan jiffavorixxi lill-konvenuti in kwantu kien dejjem l-obbligu tal-attur li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu u dan fuq l-istregwa tal-massima – “incumbit probatio ei qui dicat non ei qui negat.”

In vista ta’ dak li gie premess il-Qorti m’ghandix triq ohra hlief li tiddikjara li t-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenuti ma ġewx ippruvati sufficjentement. Il-prova li hemm ħlas dovut jinkombi fuq l-attriċi. Hi ukoll ġurisprudenza paċifika illi min jallega irid jipprova għas-sodisfazzjoni tal-Qorti.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha attrici.

Spejjez kollha kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------